**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 59/2019 RM**

**E&S Consultancy Limited**

**-Vs-**

1. **Caroline Muscat**
2. **The Shift – theshiftnews.com**

**Illum, 7 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-soċjeta' attriċi E&S Consultancy Limited fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Marzu 2019 fejn talbet li l-konvenuti jħallsuha l-massimu kontemplat fil-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li hija sofriet b'konsegwenza tal-artikolu li Caroline Muscat ppublikat nhar il-15 ta' Marzu 2019 (ara Dok A), kif ukoll tar-retweets li ghamlu mill-profil ta' twitter taghhom nhar il-15 ta' Marzu 2019 (ara Dok B u Dok C) u nhar is-16 ta'

Marzu 2019 (ara Dok D) bil-ghan li jtelfu u jnaqqsu ir-reputazzjoni, l-integrita', u l-unur tas-socjeta' rikorrenti.

U dan previa dikjarazzjoni li bhala awtrici tal-istorja li hija ppublikat fuq is-sit elettroniku the shiftnews.com hawn imsemmija, hija immalafamat u illibellat lis-socjeta' rikorrenti billi attakkatilha l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni professjonali permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet ghal kollox inveritjiieri u foloz kif ser jigi ppruvat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata fid-9 ta' Mejju 2019 fejn ġie eċċepit:-

*" Illi fl-ewwel lok, l-intimati theshiftnews.com ma ghandhomx personalita' guridika u ghalhekk ghal kull buon fini ma jistghux jirrispondu u sa fejn dan hu logiku fil-kuntest tal-fatt illi legalment ma jezistux, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti ghandhom jindikaw bil-preciz dak li huma jasserixxu li hu defamatorju u mhux jaghmlu "blanket statements" minghajr ma jipprecizaw dak li qed jigi asserit, u dan dejjem b'rizerva tad-difiza tal-preskrizzjoni jekk jirrizulta illi dak li gie rapportat jew 're-tweeted' fil-fatt kien ilu rapportat jew 'tweeted'.*

*Illi fit-tielet lok, dejjem minghajr pregudizzju, l-materjal in kwistjoni jikkostitwixxi rapportagg in buona fede ta' fatti veri u/jew li kienu ga rapportati f'media ohra (Art. 4 u 5 Kap. 579)*

*Illi fi kwalunkwe kaz ir-rapportagg kien ragjonevoli u jikkostitwixxi 'fair comment' (sa fejn kien hemm kummenti) f'socjeta' demokratika u ghalhekk ma ghandux jitqies malafamanti u in oltre meta kien hemm xi kjarifiki mitluba mir-rikorrenti dawn gew ppubblikati wkoll (Art. 4 u 5 Kap 579)*

*Illi f'dan l-isfond hu utli illi l-intimati jaghmlu referenza ghall-gurizprudenza konsistenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn f'hames kazijiet separati li jinvolvu Malta, erba' gew decizi kontra l-iStat (il-hames kaz gie tranzatt qabel is-sentenza) u dan abbazi tad-determinazzjoni tal-ECHR illi kien hemm ksur tad-dritt ta' 'Freedom of Expression', liema dritt l-intimati ser jasserixxu."*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi b'digriet tad-19 ta' Mejju 2019 ġie deċiż illi għall-finijiet tal-Aertikolu 10 tal-Kap. 579, din il-kawża ma tistax tiġi riżolta permezz ta' proċess ta' medjazzjoni u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jiddikjaraw illi mhux meħtieġ li x-xhieda tal-konvenuta Caroline Muscat, inkluż l-Affidavit tagħha, tiġi tradotta mil-lingwa Ingliża għal-lingwa Maltija;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta' attriċi fil-25 ta' April 2022 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Id-dikjarazzjonijiet impunjati f'din il-kawża huma dawk li ġew pubblikati permezz ta' artikolu miktub minn Caroline Muscat li deher f'The Shift fil-15 ta' Marzu 2019 (Dok. A) kif ukoll f'żewġ *retweets* pubblikati mill-istess Caroline Muscat fil-15 ta' Marzu 2019 (Dok. B u Dok. C) u ieħor fis-16 ta' Marzu 2019 (Dok. C).

In kwantu għall-pubblikazzjoni f'Dok. C, konsistenti f'*retweet* li sar mill-konvenuta Caroline Muscat ta' *tweet* ippubblikat oriġinarjament minn Matthew Caruana Galizia fil-15 ta' Marzu 2019 (Dok. C), il-Qorti tosserva li dan it-*tweet* tal-aħħar diġa' jifforma l-mertu ta' azzjoni għal malafama separata li ġiet istitwita mill-istess soċjeta' attriċi fil-konfront tal-awtur tal-istess *tweet*, Matthew Caruana Galizia, liema kawża qiegħda tiġi deċiża llum stess permezz ta' sentenza separata (Rikors 62/2019) fl-ismijiet **E&S Consultancy Limited v. Matthew Caruana Galizia**.

Issa l-Artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, il-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta ("l-Att") jipprovdi li l-azzjoni għal malafama istitwita skont id-dispozizzjonijiet tal-Att tista' tittieħed biss kontra l-awtur, l-editur jew jekk dawn il-persuni mhux faċilment identifikabbli, kontra r-responsabbli għall-pubblikazzjoni[1] u ma jistgħux isiru kawżi separati kontra dawn il-persuni **dwar l-istess malafama**[2]. Huwa minnu illi l-pubblikazzjoni li saret mill-konvenuta odjerna tat-*tweet* ta' Matthew Caurana Galizia għandha titqies li hija pubblikazzjoni separata u distinta minn dik oriġinali, iżda hu ovvju li l-azzjoni hija dwar l-istess allegat malafama pubblikata minn Matthew Caruana Galizia u l-liġi fil-Kap. 579 titkellem dwar "*l-istess malafama*" u mhux dwar "*l-istess pubblikazzjoni*". Għaldaqstant, ġaladarba s-soċjeta' attriċi mexxiet b'azzjoni għal malafama taħt l-Att fil-konfront ta' Matthew Caruana Galizia, ma setgħetx tmexxi wkoll b'azzjoni dwar l-istess malafama fil-konfront ta' persuna oħra, sija jekk hijiex waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 3(3) u sija wkoll jekk m'hijiex, għaliex dan huwa espressament projibit mil-liġi.

Barra dan, hemm ukoll il-konsiderazzjoni illi f'dan il-każ, il-konvenuta Caroline Muscat evidentement m'hjiex l-awtur u lanqas l-editur tal-pubblikazzjoni ossia *retweet* impunjat f'din il-kawża. Ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni – persuna oħra li tista' tkun is-soġġett passiv ta' azzjoni għal malafama taħt l-Att - huwa definit fl-Artikolu 2 tal-istess Att bħala persuna li tkun sid jew tikkontrolla impriża li tippubblika midja miktuba. Anke peress li d-Defamation Act (UK) 2013 huwa

[1] Ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni huwa definit fl-Artikolu 2 tal-istess Att bħala persuna li tkun sid jew tikkontrolla impriża li tippubblika midja miktuba.
[2] Emfasi tal-Qorti.

evidentment is-sors tad-dispożizzjonijiet legali tal-Att, il-Qorti tqis illi t-tifsira ta' *publisher* kif definit għall-fini tal-liġi Ingliża hija utili biex tfisser aħjar id-definizzjoni ta' persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni taħt l-Att.

Collins[3] ifisser aħjar dan it-terminu, abbażi tad-dispożizzjoni analoga tad-Defamation Act (UK), 2013, hekk:-

"*The term 'publisher' has a meaning for the purposes of Article 10 of the 2013 Act that differs from its meaning in the law of defamation generally. For section 10 purposes, a 'publisher' means 'a commercial publisher, that is a person whose business is issuing material to the public, who issues material to the public, who issues material containing the statement in the course of that business. Proprietors of newspapers, book and magazine publishing houses, owners of television and radio stations, and owners of websites, will all normally be publishers in the requisite sense. ... The adjective commercial in particular, connotes an activity that is engaged in for profit.*"[4]

Applikat dan għar-*retweet* li sar mill-konvenuta Caroline Muscat ta' żewġ *tweet*s pubblikati minn Matthew Caruana Galizia fil-15 ta' Marzu 2019 (Dok. C), hija l-fehma tal-Qorti illi Caroline Muscat, filwaqt li abbażi ta' dak li hija dikjarat fl-Affidavit tagħha, tista' titqies b'mod ġenerali li hija b'mod ġenerali, persuna responsabbli għal pubblikazzjoni, għaliex hija sid jew persuna li tikkontrolla The Shift News li min-naħa tagħħa hija impriża li tippubblika midja miktuba, **m'hijiex il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni in diżamina għall-finijiet tal-Artikolu 3 tal-Att.**

Fuq dan il-punt, Collins jamplifika:

[3] *Ibid* 4.100, p. 94.
[4] Matthew Collins QC, On Defamation, (2014 Ed.), 2.36, p. 33.

"*... the policy underlying section 10 of the 2013 Act appears to be to hold the primary publishers of defamatory statements responsible for the consequences of their publications. The better view is that the expression 'the statement complained of' in section 10 of the 2013 Act should be understood as a reference to the words complained of by the claimant (in a case involving words), rather than the publication that embodied those words and caused the alleged damage.*"

Għall-Qorti dan ifisser li l-konvenuta f'dan il-każ ma tistax titqies li hija responsabbli għall-malafama sempliċement għaliex hija għamlet *retweet* tal-pubblikazzjoni oriġinali. Interpretazzjoni differenti minn din fil-fehma tal-Qorti tista' twassal mhux biss għar-riżultat assurd li kull min jagħmel *retweet* ta' stqarrija ta' ħaddieħor ikollu jitqies li huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni u konsegwentement, azzjonabbli għal libell, iżda wkoll għal riżultat li jikkozza mal-ispirtu tal-leġislazzjoni l-ġdida. Leġislazzjoni li kif rajna, hija intiża biex **tirrestrinġi l-azzjonabbilita' tal-malafama lill-persuni responsabbli għall-malafama orġinali u biex teskludi mill-ġurisdizzjoni tal-qorti f'azzjoni ċivili għal malafama, il-pubblikatur sekondarju tal-materjal diffamatorju**.

Il-korollarju ta' dan kollu hu li s-soċjeta' attriċi, li diġa' ressqet azzjoni għal malafama dwar l-istess stqarrijiet kontra l-awtur tal-allegat malafama, Matthew Caruana Galizia li effettivament ippubblika iż-żewġ *tweet*s in kwistjoni, **mhux biss ma tistax ukoll tressaq azzjoni separata dwar l-istess stqarrija diffamatorja kontra persuna oħra minn dawk imsemmija fl-Artiklu 3(3) tal-Att, iżda ma tistax tressaq azzjoni dwar l-istess malafama kontra persuna oħra li tippubblika b'mod sekondarju l-istess stqarrija allegatament malafamanti** – ħlief, skond Collins, *safe*jn din il-pubblikazzjoni sekondarja twassal biex tikkaġuna danni addizzjonali fejn allura l-azzjoni għandha tkun mhux għal malafama iżda waħda taħt il-prinċipji ġenerali ta' danni akwiljani.

Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-azzjoni għal malafama in kwantu għar-*retweet* li għamlet Caroline Muscat fil-15 ta' Marzu 2019 (Dok. C) u

m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni ta' din il-pubblikazzjoni għall-fini li jiġi stabbilit jekk is-soċjeta' attriċi ġietx malafamata.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-materja tal-identifikazzjoni tas-soċjeta' attriċi E&S Consultancy Limited, jirriżulta li s-soċjeta' attriċi issemmiet b'isimha fl-artikolu pubblikat fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com[5] (Dok. A).

Iżda in kwantu għar-*retweet* (Dok. B) ukoll ippubblikat fil-15 ta' Marzu 2019 u r-*retweet* ippublikat fis-16 ta' Marzu 2019 (Dok. D), il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' attriċi mhix imsemmija bl-ebda mod f'dawn il-pubblikazzjonijiet. Il-fatt illi fir-*retweet* tas-16 ta' Marzu 2019 (Dok. D) jissemmew "*two shell companies in Malta linked to political scandal and money laundering*" ma jistax jittieħed bħala referenza għas-soċjeta' attriċi, anke għaliex mill-provi jirriżulta illi iż-żewġ kumpanniji li saret referenza għalihom huma International Investment Holdings Limited u International Finance Group Limited. Huwa minnu li mill-provi jirriżulta wkoll li s-soċjeta' attriċi kellha xi sehem f'xi waħda minn dawn il-kumpanniji u pprovdiet servizz ta' uffiċċju reġistrat għal dawn il-kumpanniji, iżda dan il-fatt bl-ebda mod ma jirriżulta mill-pubblikazzjoni impunjata u **huwa impossibbli għall-qarrej ordinarju u raġjonevoli mingħajr għarfien speċjali ta' fatti li mhux imsemmija fil-pubblikazzjoni in diżamina, fejn lanqas jissemmew l-ismijiet taż-żewġ kumpanniji "*shell*", li jasal biex jidentifika lis-soċjeta' attriċi mill-kontenut tal-pubblikazzjoni**.

Għaldaqstant, ġaladarba mhux identifikata f'dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet, is-soċjeta attriċi ma setgħet soffriet l-ebda ħsara lir-reputazzjoni tagħha, wisq inqas telf finanzjarju serju kif meħtieġ mill-Att u konsegwentement dawn iż-żewġ *retweets* (Dok. B u Dok. D) mhumiex azzjonabbli u l-Qorti m'hijiex sejra tikkunsidrahom.

[5] Ara paragrafu ta' qabel l-aħħar, fol. 4.

F'kull każ, għandu jingħad ukoll illi dawn iż-żewġ *retweets* (Dok. B u Dok. D) it-tnejn jikkonċernaw l-istess pubblikazzjoni li saret fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com li hija fil-mira prinċipali ta' din l-azzjoni (Dok. A), u l-Qorti ma tara assolutament xejn f'dawn ir-*retweets* li jista' jkun azzjonabbli b'żieda mal-pubblikazzjoni orġinali.

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax ma jiġix osservat ukoll illi għalkemm it-talba tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur tal-azzjoni hija bbażata fuq erba' pubblikazzjonijiet speċifiċi li ġew annessi mal-istess Rikors, meta xehed quddiem il-Qorti, Christian Ellul, direttur tas-soċjeta' attriċi, għamel referenza għal artikolu ieħor ippubblikat minn ċertu Jurgen Balzan, intestat "*Murdered Slovak journalist investigated businessman with Malta links*" u waqt l-istess depożizzjoni tiegħu huwa esebixxa kopja ta' dan l-artikolu[6] li huwa bla data[7]. Madanakollu, dan l-artikolu tal-aħħar m'huwiex fost dawk li dwarhom ġiet istitwita din l-azzjoni għal malafama u naturalment, billi dan l-artikolu mhux fil-mira tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur, il-konvenuta ma setgħet tressaq l-ebda eċċezzjoni jew difiża fir-Risposta tagħha tad-9 ta' Mejju 2019, biex tilqa' kontra xi allegazzjonijiet li saru b'rabta ma' dan l-artikolu partikolari[8].

Il-Qorti fehmet li l-artikolu ppubblikat fuq The Shift - theshiftnews.com li qed jiġi impunjat mis-soċjeta' attriċi f'din l-azzjoni, **huwa dak miktub minn Caroline Muscat li huwa anness mar-Rikors promotur (Dok. A), u mhux l-artikolu miktub minn Jurgen Balzan u li ġie esebit minn Dr. Christian Ellul fix-xhieda tiegħu.**

Ikkunsidrat;

---

[6] Dok. CE1, fol. 43 *et seq.*

[7] Il-konvenuta nnifisha eventwalment ipproduċiet fl-atti kopja sħiħa ta' dan l-artikolu (Doc. 2, fol. 126 et seq.) u jirriżulta li dan kien ġie pubblikat ferm qabel il-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża, fis-26 ta' Frar 2018.

[8] Collins jirritjeni illi l-persuni aggravati huma mistennija jfissru, fid-dikjarazzjoni tat-talba, l-imputazzjoni diffamatorja specifika li jkun qed jigi allegat li saret fil-konfront taghhom u fil-generalita` tal-kazi, mhuwiex bizzejjed li jigi riprodott biss il-kliem litterali tal-istqarrija. Ukoll "*distinct imputations should be pleaded distinctly…*" – *supra* 6.108, p. 143.

Illi mbagħad, in kwantu għall-fatt li l-azzjoni attriċi ġiet diretta wkoll fil-konfront ta' The Shift – theshiftnews.com il-Qorti tosserva illi minkejja li ġiet konfrontata bl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, is-soċjeta' attriċi ma ressqet l-ebda prova biex turi li The Shift - theshiftnews.com hija entita' li għandha personalita' ġuridika u legali *ad hoc* biex titqies bħala l-editur jew is-sid tal-impriża li tippubblika midja bil-miktub. Fin-nuqqas ta' din il-prova u rinfaċċjata bix-xhieda ta' Caroline Muscat li hija l-editur maniġerjali ta' The Shift News li hija *news portal on-line*, il-Qorti ma tistax ħlief tikkunsidra lil 'The Shift' bħala sit elettroniku u mhux bħala persuna legali li tista' toqgħod f'ġudizzju billi tħarrek jew tiġi mħarrka.

Dan ifisser illi Caroline Muscat hija wkoll l-unika persuna li tista' toqgħod f'dan il-ġudizzju bħala konvenuta bħala l-awtriċi kif ukoll l-editur u dan unikament in kwantu għall-pubblikazzjoni li saret fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com (Dok. A) fil-15 ta' Marzu 2019[9], liema pubblikazzjoni hija l-unika waħda li fiha malafama li hija azzjonabbli mis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghas-suċċess ta' azzjoni ta' libell, il-persuna aggravata teħtieġ mhux biss li tidentifika l-pubblikazzjoni impunjata iżda hija mistennija wkoll tidentifika l-istqarrijiet partikolari fil-pubblikazzjoni li qed jiġu impunjati bhala diffamatorji fil-konfront tagħha.

Illi fir-Rikors promotur, is-soċjeta' attriċi ma speċifikatx dawk il-brani jew stqarrijiet partikolari fl-artikolu ta' Caroline Muscat li ġie pubblikat fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com[10], li huma diffamatorji u li jinsabu fil-mira speċifika ta' dan il-libell.

Is-soċjeta' attriċi tilmenta li hemm affarijiet mhux korretti fl-artikolu, fosthom l-istqarrija li "*One of Marian Kocner's companies in Malta flagged for suspicious*

---

[9] Doc 1 – fol. 122 *et seq*.

[10] Dok. A anness mar-Rikors promotur.

*transactions but no action from the authorities*" u li dan l-artikolu ġie pubblikat mingħajr ma ġiet mistoqsija għall-verżjoni tagħha. Fix-xhieda tiegħu, Dr. Christian Ellul spjega li l-istqarrija fuq ċitata mhux korretta u jallega li din ġiet ibbażata fuq il-premessa ħażina li Marian Kocner kellu kont bankarju privat f'Malta meta effettivament, is-soċjeta' attriċi kellha biss kont bankarju wieħed li nfetaħ għall-formazzjoni tal-kumpannija nnifisha, liema kont ma kienx kont operattiv.

Is-soċjeta' attriċi ssostni wkoll li l-istqarrija "*strangely it was owed VAT in Malta even though a cursory look at its financials indicates that is main activity that year was purchasing the two hotels, according to corporate lawyers consulted by The Shift*", m'hijiex korretta għaliex l-kumpannija ta' Kocner f'Malta, International Investments Holdings Limited (IIHL) ma kellhiex numru tal-VAT f'Malta u barra minn hekk, din it-taxxa kienet dovuta ġewwa l-Islovakja fejn minflok it-taxxa tal-boll fuq trasferimenti ta' proprjeta', hemm dovut il-VAT. Fix-xhieda tiegħu, Dr. Christian Ellul sostna illi l-imputazzjoni li twassal din is-silta hi li kien hemm xi irregolarita' fil-ħlas ta' VAT ġewwa Malta mentri dan qatt ma kien dovut f'Malta iżda ġewwa l-Islovakja, tant illi meta l-kumpannija IIHL ġiet likwidata, il-likwidazzjoni saret abbażi ta' konferma da parti tad-dipartiment tal-VAT ġewwa Slovakkja li kollox kien in regola[11].

Dr. Christian Ellul joġġezzjona wkoll għall-konnessjoni li ssir bejn is-soċjeta' attriċi u *safe* li nstab li kellu Marian Kocner.

Minn dan kollu, jidher li s-soċjeta attriċi qiegħda timpunja l-pubblikazzjoni in diżamina limitatament (i) għall-konnessjoni li saret bejnha u bejn is-*safe* ta' Marian Kocner; (ii) ir-referenza għat-trasferiment ta' €4 miljuni li rċieva Kocner minn bank Malti u b'mod ġenerali, (iii) ir-referenza għall-kumpanniji tal-imsemmi Marian Kocner ġewwa Malta. Issostni li komplessivament, dawn l-istqarrijiet iwasslu imputazzjoni li hija kienet involuta f'transazzjonijiet suspettużi inkluż frodi fit-taxxa

[11] Il-Qorti tosserva illi għalkemm is-soċjeta' attriċi E&S Consultancy Limited hija msemmija speċifikatament b'isimha fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar tal-artikolu a folio 4 tal-atti (Dok. A), ma ressqet l-ebda lment in kwantu għall-istqarrijiet li saru b'referenza għaliha f'din is-silta.

tal-VAT flimkien ma' Marian Kocner, kif ukoll imputazzjoni li l-ġornalista Jan Kuciak inqatel minħabba fiha.

Iżda billi kif diġa' ġie stabbilit, il-pubblikazzjonijiet f'Dok. B, Dok. C u Dok. D annessi mar-Rikors promotur mhumiex azzjonabbli, il-Qorti ma tistax taqbel li saru l-imputazzjonijiet kollha elenkati mis-soċjeta' attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet, fosthom li Jan Kuciak kien qed jinvestiga lil Christian Ellul u Karl Schranz (anke għaliex dawn tal-aħħar m'humiex il-persuni aggravati f'din il-kawża) u li l-konvenuta sejħet lill-awtoritajiet biex jarrestaw "*lill-atturi*" fuq frodi u qtil[12].

Fir-rigward tal-ilment tas-soċjeta' attriċi li l-pubblikazzjoni impunjata twassal l-imputazzjoni li Jan Kuciak inqatel minħabba fiha jew li għandha xi tort għal dan l-omiċidju, din il-fehma tas-soċjeta' attriċi hija bbażata essenzjalment fuq l-istqarrijiet li saru minn Matthew Caruana Galizia fit-*tweet* li ppubblika fil-15 ta' Marzu 2019 (Dok. C) - liema *tweet* ġie ri-pubblikat mill-konvenuta odjerna – fejn ġie dikjarat: "*The full report on the Slovakia-Malta tax fraud that Jan Kuciak investigated, for which Slovak Police now seem to be saying he was murdered : still no arrests in Malta for the lawyers and accountants who enginereed the scheme.*" Diġa ġie stabbilit illi l-pubblikazzjoni sekondarja mill-konvenuta ta' dan it-*tweet*, m'hijiex azzjonabbli mis-soċjeta' attriċi taħt il-liġi tal-malafama u mhijiex sejra tittieħed in konsiderazzjoni biex jiġu determinati l-imputazzjonijiet diffamatorji li setgħu saru fil-konfront tas-soċjeta' attriċi.

Il-Qorti tosserva wkoll illi ma riskontrat l-ebda ness kwalsiasi bejn is-soċjeta' attriċi u s-*safe* ta' Marian Kocner li saret referenza għalih fl-artikolu ta' Caroline Muscat pubblikat fil-15 ta' Marzu 2019. F'dan l-artikolu is-soċjeta' attriċi issemmiet biss b'rabta ma' Marian Kocner innifsu minħabba s-servizzi li hija prestatlu biex iwaqqaf żewġ kumpanniji f'Malta, kumpanniji illi kienu ġew marbutin ma' allegazzjoni dwar transazzjonijiet suspettużi u frodi fit-taxxa. Il-fatt li fl-istess artikolu ġie msemmi li ġie elevat *safe* mill-pussess ta' Marian Kocner, ma jfissirx li saret ukoll imputazzjoni

[12] Fol. 228.

ta’ rabta bejn is-soċjeta attriċi u dan is-*safe* jew il-kontenut tiegħu u l-Qorti ma taqbilx li saret xi imputazzjoni fil-konfront tas-soċjeta’ attriċi, wisq inqas imputazzjoni diffamatorja, fir-rigward.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-konvenuta illi t-trasferiment ta’ €4 miljun minn bank Malti lil Marian Kocner, imsemmi fl-artikolu impunjat, ma jwassal l-ebda imputazzjoni ta’ xi involviment tas-soċjeta’ attriċi f’dan it-trasferiment, għaliex imkien ma ġie msemmi f’dan l-artikolu li dan il-flus intbagħat minn xi kont bankarju tas-soċjeta’ attriċi jew li s-soċjeta’ attriċi kellha x’taqsam fit-trasferiment ta’ dan il-flus. Li ssemma biss huwa l-involviment tagħha fit-twaqqif tal-kumpannija International Investment Holdings Limited f’Malta.

Għaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti li dawn l-imputazzjonijiet partikolari li s-soċjeta’ attriċi qiegħda ssostni li jinsiltu mill-artikolu ippubblikat mill-konvenuta fil-15 ta’ Marzu 2019 u li qiegħda timpunja f’din il-kawża, mhumiex imputazzjonijiet li jinsiltu raġjonevolment minn dan l-artikolu u bl-applikazzjoni tal-prinċipji in materja, ma taqbilx li l-qarrej ordinarju u raġjonevoli jista’ jasal biex jifhem li s-soċjeta’ attriċi hija implikata fil-kontenut tas-*safe* ta’ Marian Kocner u fit-trasferiment ta’ €4 miljun lil Marian Kocner u li Jan Kuciak inqatel minħabba fiha.

Taqbel iżda, li l-artikolu impunjat iwassal lill-qarrej jikkonkludi li Jan Kuciak kien qed jinvestiga l-iskema ta’ frodi fit-taxxa li kien involut fiha Marian Kocner u li kellha parteċipazzjoni fiha wkoll is-soċjeta’ attriċi, u li Jan Kuciak inqatel possibilment b’rabta ma’ din l-investigazzjoni li kien qed iwettaq.

**Fil-fehma tal-Qorti, m’hemmx dubju li l-artikolu impunjat iwassal imputazzjoni ta’ rabta soda bejn is-soċjeta’ attriċi u Marian Kocner u tal-involviment tagħha mal-istess Marian Kocner fit-twettiq tar-reat ta’ frodi dwar it-taxxa li allegatament ġie kommess bit-tħaddim tal-kumpanniji li twaqqfu f’Malta mis-soċjeta’ attriċi stess. Il-qarrej ordinarju u raġjonevoli malajar jifhem mill-istqarrijiet li saru fil-pubblikazzjoni in diżamina, illi s-soċjeta’ attriċi għandha**

**rabta soda ma' Marian Kocner u li huwa uża l-kumpanniji li waqqaf f'Malta bl-użu tas-servizzi tagħha, biex iwettaq frodi fit-taxxa tal-VAT b'rabta mal-akkwist ta' żewġ lukandi ġewwa l-Islovakja b'valur ta' €21 miljun.**

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit illi l-unika stqarrija li tista' tkun fil-mira ta' din l-azzjoni għal malafama istitwita minn E&S Consultancy Limited, hija dik ippubblikata minn Caroline Muscat fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com fil-15 ta' Marzu 2019, il-Qorti sejra tistħarreġ jekk ir-rekwiżiti tal-liġi tal-malafama, ġewx sodisfatti.

Illi biex imputazzjoni tista' titqies li hija diffamatorja, jeħtieġ li jintwera li din tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata jew talanqas li jkollha l-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni u f'każ ta' korp li jopera għal profitt, li tikkaġuna telf finanzjarju li huwa serju.

Kwantu speċifikatament azzjonijiet ta' malafama li jiġu istitwiti minn korp li jopera għal profitt, jingħad illi ghalkemm korp, bħala persuna legali, m'ghandux emozzjonijiet u ma jistax għalhekk, fil-prattika, iħossu offiż jew insultat iżda jista' jġarrab biss ħsara finanzjarja, il-ħsara li tista' ġġarrab m'hijiex limitata biss ghal telf ta' introjtu.  Fil-fatt, ir-reputazzjoni u l-avvjament tal-korp ukoll jistgħu iġarrbu ħsara u korp bħal dan jista' jsostni azzjoni ghal malafama jekk jintwera li l-kliem diffamatorju huwa kapaci jimpingi fuq ir-reputazzjoni kummercjali jew fuq in-negozju tiegħu.

"*A trading corporation or company "has a trading character, the defamation of which may ruin it".*

…

*"The reputation of a corporate body is capable of being, and will usually be, not simply something in which its directors and shareholders may take pride, but an asset of positive value to it.*"[13]

Il-Qorti ma tqisx illi huwa meħtieġ sabiex jigi sodisfatt il-kriterju impost mill-Artikolu 3(4) tal-Att illi s-soċjeta` inġurjata tipprova telf finanzjarju **attwali** u dan minħabba fid-diffikolta` manifesta li jigi ppruvat in-ness kawżali bejn il-malafama u t-tnaqqis tal-introjtu. Huwa għal din ir-raguni li l-liġi tqis bħala suffiċjenti l-kriterju li tkun ser tiġi kkawżata telf finanzjarju serju.

Fil-fehma tal-Gatley:-

"*... if a statement is made as to the mode in which a trading company conducts its business such as to lead people of ordinary sense to the opinion that it conducts its business in a dishonest, improper or inefficient manner,* ***the law is the same as the case of an individual*** *and the company can maintain an action without proof of special damage.*" [14] (emfasi tal-Qorti)

Il-Qorti tqis illi fl-imputazzjoni li s-soċjeta' attriċi u l-uffiċjali tagħha stess kellhom rabtiet ma' persuna mixlija bi qtil, nonche' l-qtil ta' ġornalista u li kienet involuta fi skema għall-evażjoni tat-taxxa u frodi fit-taxxa, faċilment jiġi ravvizat il-prospett ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-kumpannija. Imputazzjonijiet bħal dawn indubbjament jitfgħu dell ikrah fuq l-integrita' tas-soċjeta' attriċi, l-uffiċjali tagħha u l-persuni li jmexxuha u huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom, *multo magis* meta fl-artikolu in diżamina Marian Kocner huwa deskritt bħala persuna kontroversjali li għandu konnessjonijiet ma' kriminalita' organizzata, korruzzjoni u skandli politiċi. Ingħad ukoll fl-istess pubblikazzjoni illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, Marian Kocner kien jinsab arrestat fuq akkuzi ta' frodi filwaqt li kien ukoll is-suspettat ewlieni fl-omiċidju tal-ġornalist Jan Kuciak.

---

[13] Gatley, *ibid.* 8.16, p. 295.

[14] Gatley, *On Libel and Slander* (2013 Ed.), 8.16 p. 298.

Wara kollox, huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[15], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*", huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Iżda biex tkun azzjonabbli, l-imputazzjoni allegatament diffamatorja li ssir fil-konfront ta' korp li jopera għal profitt, bħalma bla dubju huwa s-socjeta` attrici, trid tkun ikkagunat jew tkun ser tikkawza **telf finanzjarju serju** biex titqies li tikkaġuna ħsara lir-reputazzjoni tal-istess korp: kriterju li jrid jigi sodisfatt b'mod tassattiv u preordinat ghas-success ta' azzjoni ta' libell fil-mertu. Il-liġi hi ċara li teħtieġ telf finanzjarju li huwa serju u mhux telf finanzjarju kwalunkwe u ghalhekk, m'huwiex suffiċjenti li jintwera biss li jkun ġie soffert xi telf finanzjarju in segwitu għall-pubblikazzjonijiet impunjati.[16]

Issa fil-kaz in dizamina, is-socjeta` attrici tikkontendi illi bil-pubblikazzjoni da parti tal-konvenut tal-allegazzjonijiet dwar l-assoċjazzjoni tagħha ma' persuna li hu suspettat b'xejn inqas mill-qtil ta' ġornalista, fi frodi u evazjoni tat-taxxa, hija mhux biss ġiet identifikata, kif diġa' stabbilit, iżda sofriet ukoll ħsara konsistenti fil-fatt li wara l-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet, u direttament bħala riżultat ta' dawn l-allegazzjonjiet li saru fil-midja, hija ġiet meqjusa mill-Awtorita' ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji bħala persuna li m'hijiex *fit and proper* biex tibqa' tiġi liċenzjata bħala *a company service provider*[17], filwaqt li l-Malta Gaming Authority wkoll iddeċidiet li l-applikazzjonijiet li jsiru magħha mis-soċjeta' attriċi u persuni u

[15] 6.10 p. 117.

[16] Fid-dibattiti Parlamentari dwar l-introduzzjoni tad-Defamation Act 2013 fir-Renju Unit, li fuqu jinsab imsejjes fl-intier tieghu l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, intqal illi "*the use of the phrase 'serious financial loss' makes it absolutely clear that the financial loss required to meet the serious harm test must itself be serious.*" - Collins on Defamation, 2014 Ed., per Matthew Collins QC, 7.15, p. 150. Hawnhekk jikkwota lil Lord Hansard fil-House of Lords fit-23 ta' April 2013.

[17] CSP licence – Dok. ES2.

kumpanniji oħrajn assoċjati magħha, biex tipprovdi servizzi lil kumpanniji li jkollhom liċenżja mingħand il-Malta Gaming Authority, mhux ser jibqgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' *fitness and propriety*.

Kif rajna, huwa stabbilit mill-provi illi huwa minnu li d-deċiżjonijiet li ttieħdu miż-żewġ awtoritajiet fuq imsemmija, segwew u kienu bbażati fuq il-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet dwar l-assoċjazzjoni bejn is-soċjeta' attriċi u d-direttur tagħha Dr. Christian Ellul fuq naħa l-waħda, ma' Marian Kocner li, kif ingħad, kien is-suspettat ewlieni fil-qtil tal-ġornalista Jan Kuciak. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Dominic Micallef u Dr. Carl Brincat għan-nom tal-Malta Gaming Authority kif ukoll mid-dokumenti ppreżentati minn Petra Camilleri għan-nom tal-Awtorita' ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji.

Fil-kaz in dizamina, għalkemm il-pubblikazzjoni in diżamina, fost pubblikazzjonijiet oħrajn, ma setax ma kellhiex impatt negattiv fuq in-negozju tas-soċjeta` attrici b'mod ġenerali, ma nġiebet l-ebda prova li dawn l-istqarrijiet attwalment ikkaġunaw telf finanzjarju serju lill-kumpannija. Għalkemm il-liġi ma teħtieġx prova ta' rabta kawżali diretta bejn dan it-telf u l-imputazzjonijiet diffamatorji, ċertament, bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi għall-azzjonabbilita` tal-allegat malafama, il-Qorti hi tal-fehma li prova tas-serjeta` tat-telf finanzjarju jew tal-potenzjal ta' tali telf, hija *sine qua non*. Huwa minnu li d-diretturi tal-kumpanija xehdu li b'effett ta' dawn l-allegazzjonijiet, tilfu xi klijenti filwaqt li kien hemm ukoll impjegat prospettiv li ddeċieda li ma jimpjegax ruħu mal-kumpannija kif ukoll kumpannija tal-gaming li ma nħarġilhiex liċenzja u ma ħallsithomx, iżda għall-Qorti, id-dikjarazzjoni ġenerali li l-kumpannija sofriet telf ta' negozju u klienti mhux biżżejjed biex tikkostitwixxi l-prova ta' telf finanzjarju serju. Il-Qorti tistenna li din il-prova ssir b'mod konkret permezz ta' dokumenti jew xhieda li juru kif effettivament, klijenti tal-kumpannija iddeċidew li jitilqu jew klienti prospettivi ma baqgħux interessati li jużaw is-servizzi tagħha u li dan affettwa serjament l-introjtu tal-kumpannija.

Madanakollu, fl-istess ħin, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt illi wieħed mill-oġġetti ewlenin tas-soċjeta' attriċi huwa sewwasew il-prestazzjoni ta' servizzi lill-kumpanniji ("*to provide management services, directorship services, company secretarial services, registered office services ... and any other specialised and related services to all entities and businesses wherever situated including to provice the service of formation of companies and other entities*") fosthom li tipprovdi servizzi bħala direttur jew segretarju ta' kumpanniji klijenti tagħha, liema servizzi hija ġiet imwaqqfa mill-MFSA kif ukoll mill-Malta Gaming Authority milli tipprovdihom. Il-Qorti fehmet li ġaladarba l-kumpannija ġiet tabilħaqq imwaqqfa milli tipprovdi dawn is-servizzi u illum, b'riżultat dirett tal-imputazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjonijiet impunjati u anke pubblikazzjonijiet preċedenti, ġiet prekluża milli tkompli twettaq l-attivitajiet prinċipali tagħha u tipprovdi dawn is-servizzi lil klienti attivi u prospettivi, **ir-riżultat ta' dan ma jista' jkun xejn inqas minn tnaqqis serju fin-negozju tagħha li huwa indubbjament kapaċi jwassal għal telf finanzjarju li huwa serju**.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tielet paragrafu tar-Risposta tagħha, il-konvenuta tilqa' għall-azzjoni għal malfama billi tinvoka l-Artikoli 4 u 5 tal-Att għad-difiża tagħha. Fir-rigward tal-Artikolu 4, il-Qorti ma taqbilx li l-eċċezzjoni kif imfassla tirrispekkja waħda miż-żewġ difiżi espressament maħsuba taħt dan l-Artikolu partikolari, ċioe' d-difiża tal-verita' u d-difiża tal-opinjoni onesta u fil-fatt, l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ difiżi ma ġew trattati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta. Min-naħa l-oħra, il-Qorti taqbel illi fl-eċċezzjoni li l-materja mertu tal-pubblikazzjoni tikkostitwixxi rapportaġġ in buona fede ta' fatti veri, tiffigura d-difiża mogħtija mill-Artikolu 5 tal-Kap. 579 ċitat fit-tielet paragrafu tar-Risposta tal-konvenuta.

L-Artikolu 5 tal-Att jipprovdi:-

*(1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*

*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Fid-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku.

Ġie ritenut li materja tkun ta' interess pubbliku:

"*if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others.*"[18]

Ukoll:

"*... if it concerned the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[19]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

*"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police;* ***cheating****, corruption ...* ***involvement in serious crimes; corporate malpractice****; ...*"[20] (emfasi tal-Qorti)

---

[18] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.
[19] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143.

Skont l-istess awtur, il-fattur ta' interess pubbliku leġittimu għandu jitkejjel ukoll b'referenza għall-udjenza jew il-qarrejja li huma fil-mira tal-pubblikazzjoni taħt eżami:

"*The international nature of many publications must be borne in mind however, and it may not be right to have in mind merely the narrow perspective of the public interest in this jurisdiction*."[21]

Abbażi ta' dan l-insenjament, għall-Qorti huwa indiskuss li b'mod ġenerali, l-artikolu pubblikat mill-konvenuta f'dan il-każ huwa dwar materja ta' interess pubbliku: il-qtil ta' ġornalista u skema ta' frodi fit-taxxa ta' miljuni ta' euro li kienet qed tiġi investigata minn dan il-ġornalista fiż-żmien meta nqatel. Iżda mhux biss: il-fatt li dan il-qtil qed jitqies bħala marbut max-xogħol investigattiv li kien qed iwettaq il-ġornalista, jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti, l-iktar attakk viljakk fuq il-liberta' tal-espressjoni u konsegwentement, ir-rapportaġġ dwar kull materja konnessa ma' qtil bħal dan, ma jistax jitqies bħala xejn inqas minn pubblikazzjoni dwar materja ta' interess publbliku kif ukoll bħala pubblikazzjoni li saret fl-interess pubbliku.

Għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-istqarrija speċifika taħt skrutinju, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut kollu tal-pubblikazzjoni. Jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku u hawnhekk jidħol l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur (*editorial judgement*), kunċett li ġie introdott mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012):-

---

[20] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.
[21] Gatley 15.6, p. 644, 645.

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[22]

Fid-deċiżjoni **Jameel (Mohammed) v Wall Street Journal Europe**, ġie ritenut hekk minn Lord Hoffmann:

"*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose. They must be part of the story. And the more serious the allegation, the more important it is that is should make a real contribution to the public interest element in the article.*"[23]

Dan qed jingħad għaliex ovvjament, il-fatt li l-persuna aggravata tiġi identifikata b'isimha f'pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, mhux dejjem jista' jitqies li jkun sar għall-fini ta' interess pubbliku, partikolarment meta l-persuna aggravata m'hijiex persuna pubblika. Fil-fatt, qatt ma tista' tkun ġustifikabbli l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata meta din issir biss għal skop ta' sensazzjonaliżmu, iżda fil-fehma tal-Qorti, meta din l-identifikazzjoni ssir għaliex mhux possibbli li jiġu pubblikati l-dettalli ta' materja ta' interess pubbliku mingħajr ma tinkixef l-identita' tal-persuna aggravata, jew fejn l-artikolu jkun jitlef sostanzjalment mill-impatt tiegħu jew fejn jista' jitqanqal xi suspett f'ħaddieħor jekk il-persuna aggravata ma tiġix identifikata, allura l-pubblikatur jista' jitqies li emmen raġjonevolment li huwa fl-interess pubbliku li jidentifika l-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni.

Applikat dan l-insenjament speċifikatament għall-istqarrijiet impunjati mis-soċjeta' attriċi fil-pubblikazzjoni f'The Shift News tal-15 ta' Marzu 2019, il-Qorti tqis illi huwa indiskuss li r-rapportaġġ tal-fatt li l-qtil tal-ġornalista seta' kien marbut mal-

[22] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647.

[23] SPRL (2006), UKHL 44 A.C. 359.

investigazzjoni tiegħu dwar Kocner fi skema ta' frodi u evażjoni tat-taxxa b'konnessjonijiet ma' Malta, huwa dwar materja ta' interess pubbliku. *Multo magis* meta l-arrest u l-prosekuzzjoni tal-imprenditur Kocner seħħew biss ftit xhur wara l-arrest u prosekuzzjoni f'Malta ta' imprenditur b'rabta mal-qtil tal-ġornalista Daphne Caruana Galizia, liema qtil ukoll qed jiġi allegat li twettaq b'rabta max-xogħol ġornalistiku investigattiv tagħha.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kwadru ta' fatti, ir-referenza li saret lis-soċjeta' attriċi fl-artikolu impunjat, in konnessjoni mal-iskema ta' frodi fit-taxxa li kienu involuti fiha l-kumpanniji ta' Marian Kocner ġewwa Malta ("*shell companies*") li kienu qed jiġu investigati minn Jan Kuciak, hi mhux biss ferm relevanti iżda tikkontribwixxi b'mod sinfjikanti għall-element ta' interess pubbliku tal-artikolu[24]. Iktar u iktar meta dan l-artikolu huwa pubblikat prinċipalment għall-qari minn udjenza Maltija fejn kif ingħad, il-kwistjoni tal-qtil ta' ġornalista tassumi sinjifikat u portata ulterjuri.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi huwa fatt li s-soċjeta' attriċi effettivament waqqfet dawn iż-żewġ kumpanniji ta' Kocner f'Malta u pprestat is-servizzi tagħha wkoll bħala azzjonist u uffiċju reġistrat. Fix-xhieda tiegħu, Dr. Christian Ellul, direttur tas-soċjeta' attriċi, stqarr illi Marian Kocner kien ta struzzjonijiet biex titwaqqaf kumpannija f'Malta biex iżżomm xi proprjetajiet fi Slovakkja, bil-ħsieb ukoll li eventwalment, il-kumpannija tixtri wkoll proprjeta' f'Malta. Dan seħħ qabel huwa effettivament iżżewweġ lit-tifla ta' Marian Kocner. Christian Ellul xehed ukoll li meta din il-kumpannija, International Investment Holdings Limited (IIHL), ġiet imwaqqfa, xtrat xi proprjetajiet: dak iż-żmien, huwa kien direttur f'din il-kumpannija u baqa' involut bħala direttur anke wara iż-żwieġ tiegħu mat-tifla ta' Marian Kocner, ġie xolt. Eventwalment, dawn il-proprjetajiet ġew trasferiti mill-kumpannija u din ġiet likwidata fl-2016. Christian Ellul ikkonferma wkoll illi huwa waqqaf kumpannija

---

[24] Fid-deċiżjoni fil-każ **Jameel v. Wall Street Journal Europe Sprl**, ġie ritenut minn Lord Hoffman li l-pubblikazzjoni sħiħa ma għandhiex titqies bħala waħda dwar materja ta' interess pubbliku jekk l-istqarrija impunjata twassal imputazzjoni serja li ma tagħmel l-ebda kontribut reali lill-element ta' interess pubbliku tal-artikolu – UKHL 44 (2007) 1 AC 359.

oħra għal Marian Kocner, International Finance Group Limited (IFGL), li madanakollu ma ġietx likwidata.

Jirriżulta wkoll mill-provi illi dawn iż-żewġ kumpanniji kienu mbagħad ċentrali f'transazzjonijiet suspettużi konċernanti t-trasferimenti ta' żewġ lukandi liema transferimenti kienu parti mill-iskema dwar l-allegat frodi fit-taxxa li kien qed jiġi investigat minn Kuciak[25].

Għalhekk, billi r-rabta bejn is-soċjeta' attriċi u ż-żewġ kumpanniji ta' Marian Kocner hija innegabbli għaliex huwa evidenti li s-soċjeta' attriċi kellha sehem essenzjali fit-twaqqif u l-eżistenza ta' dawn il-kumpanniji, il-fatt li s-soċjeta' attriċi ssemmiet b'isimha fl-artikolu impunjat mhux talli ma jnaqqas xejn mill-element ta' interess pubbliku tal-pubblikazzjoni, talli jikkontribwixxi għal din il-materja.

Ikkunsidrat;

It-tieni rekwiżit li għandu jiġi sodisatt għas-suċċess tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, huwa li konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku. Il-konvenuta, kif rajna, teċċepixxi li r-rapportaġġ sar in buona fede.

Dan ir-rekwiżit irid ikun sodisfatt sija minn perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur u sija wkoll mil-lat oġġettiv. Il-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz jiġu kkunsidrati, fosthom il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċjiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[26], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux fil-każ taħt eżami. Fost dawn iċ-ċirkostanzi nsibu s-serjeta' tal-allegazzjoni; in-natura, sors u status tal-informazzjoni, il-miżuri li ttieħdu għall-verifika tal-informazzjoni, l-

[25] Ara l-artikoli ta' Jan Kuciak ippubblikati fuq Aktuality.sk, Doc. 7 esebit mal-Affidavit ta' Caroline Muscat, fol. 141 *et sequitur*.
[26] (2001) 2 AC 127 (HL) 205.

urġenza tal-pubblikazzjoni; jekk tkunx inkisbet il-verżjoni tal-persuna aggravata u jekk din ġiet pubblikata, it-ton tal-artikolu u ċ-ċirkostanzi tal-pubblikazzjoni[27].

F'kull każ, hu stabbilit illi għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema tekniċi tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku.

Il-Qorti qrat id-diversi artikoli li ġew esebiti mill-konvenuta flimkien mal-Affidavit tagħha, sija dawk miktubin minn Jan Kuciak innifsu u sija wkoll dawk li ġew ippubblikati f'diversi *news portals* f'Malta preċedentement għall-pubblikazzjoni impunjata, u huwa minnufih evidenti li l-kumpannija IIHL kienet attiva ferm u ħolqa importanti fl-istruttura ta' kumpanniji b'konnessjoni ma' Kocner li kienu involuti fit-trasferimenti kontroversjali tal-proprjeta' tal-lukandi u transazzjonijiet suspettużi. Tant kontroversjali li kienu qed jiġi investigati mill-Pulizija tan-National Financial Crime Unit ġewwa Slovakja. Il-konnessjoni ma' Malta tissemma diversi drabi f'dawn ir-rapporti.

Għalhekk, tenut kont tal-fatt illi s-soċjeta' attriċi kienet qed toffri s-servizzi tagħha fuq medda ta' diversi snin lil kumpannija li kellha bħala direttur (flimkien miegħu) Marian Kocner li huwa fatt notorju li għandu rabtiet mal-mafja, kien involut f'diversi skandali fosthom il-każ tal-kumpannija Technopol u ġie akkużat bil-qtil tal-ġornalista li kien qed jinvestiga proprju t-transazzjonijiet suspettużi konċernanti miljuni ta' Euro li twettqu minn din il-persuna tramite kumpanniji varji fosthom is-soċjeta' attriċi biex jiġi kommess frodi fit-taxxa, mhux diffiċli għall-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-konvenuta setgħet raġjonevolment temmen li l-istqarrijiet impunjati kienu dwar materja ta' interess pubbliku.

[27] Gatley 15.8, p. 649.

F'dan il-każ, il-Qorti hija konvinta mhux biss li l-fatti pubblikati fl-artikolu impunjat dwar is-soċjeta' attriċi huma korretti iżda wkoll illi mill-provi jirriżulta li r-referenza li saret għall-istess soċjeta' attriċi b'rabta ma' Marian Kocner hija ġustifikata minn indaġni li l-konvenuta għamlet personalment kif ukoll minn dak li kien diġa' ġie pubblikat f'diversi artikoli oħrajn lokali kif ukoll barra minn Malta, dwar l-istess materja. Għalhekk, bl-ebda mod ma tista' titqies din il-pubblikazzjoni impunjata bħala frott ta' ġornaliżu mhux responsabbli. Wieħed irid jiftakar illi l-istandard li huwa mistenni minn ġornalist responsabbli mhuwiex il-perfezzjoni: il-pożizzjoni għandha tiġi analizzata komplessivament b'dan illi ommissjonijiet jew ineżattezzi fir-rapportaġġ li, meqjus il-kuntest sħiħ, jistgħu jitqies li huma minuri fir-rapportaġġ, ma għandhomx ikunu fatali għal din id-difiża.

Huwa minnu illi iktar ma tkun serja l-allegazzjoni u fejn l-allegazzjoni ikollha l-propensita' jinformaw ħażin lill-pubbliku u jikkaġunaw ħsara lill-individwu konċernat, iktar ikun mistenni li min jippubblika jeżerċita grad ta' diliġenza ogħla. Iżda fil-każ in diżamina, il-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenuta eżerċitat id-diliġenza meħtieġa fil-pubblikazzjonijiet tal-istqarrijiet impunjati u kienet fattwalment korretta b'mod sostanzjali in kwantu għar-referenzi li saru lis-soċjeta' attriċi, kif ukoll konċiża f'artikolu mkejjel mingħajr sensazzjonaliżmu żejjed. Di pju', ma jirriżulta li hija esprimiet opinjonijiet u ma għamlet l-ebda imputazzjonijiet ta' ħtija, iżda rapportat biss fatti li huma sostanzjati kif ukoll, kif stabbilit, ta' interess pubbliku filwaqt li saret distinzjoni netta fl-artikolu bejn dawk li huma fatti u dawk li huma allegazzjonijiet u suspetti.

Fuq kollox, il-pubblikazzjoni tal-artikolu saret f'perijodu fejn il-materja kienet ferm relevanti għaliex dak iż-żmien Marian Kocner kien għadu kif ġie arrestat u mixli bl-omiċidju ta' Jan Kuciak li kif ingħad, kien qed jinvestiga diversi transazzjonijiet suspettużi b'rabta ma' allegat skema ta' frodi fit-taxxa, li kien involut fihom Kocner u l-kumpanniji tiegħu fosthom dawk li twaqqfu f'Malta mis-soċjeta' attriċi. Dan ifisser ukoll li l-pubblikazzjoni saret f'waqtha, ċioe' meta l-materja kienet tassew soġġett ta' kontroversja kurrenti.

In kwantu għat-test soġġettiv, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-konvenuta f'dan il-każ ma kienetx raġjonevolment temmen, minn perspettiva soġġettiva, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet li jwasslu l-imputazzjoni dwar l-involviment tas-soċjeta' attriċi ma' Marian Kocner, mat-transazzjonijiet suspettużi li kien assoċjat magħhom u mal-fatt tal-arrest u prosekuzzjoni tiegħu għall-omiċidju ta' Jan Kuciak, ma kienetx ta' interess pubbliku.

Din il-prova ġeneralment issir billi jintwera li l-pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment. Iżda f'dan il-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenuta naqset xjentement milli ssemmi xi fatt eżistenti dak iż-żmien jew li aġixxiet b'malizzja: kif ingħad, il-konnessjoni bejn Marian Kocner u Malta tramite l-kumpanniji tiegħu illi twaqqfu f'Malta mis-soċjeta' attriċi, kienet ingħatat pubbliċita' qawwija u konsistenti dak iż-żmien kif ukoll fis-snin ta' qabel. Barra minn hekk, il-konvenuta fl-artikolu tagħha ippubblikat il-fatti kollha relevanti favur is-soċjeta' attriċi fosthom ir-riżenja tas-soċjeta' attriċi u l-uffiċjali tagħha mill-karigi li kienu jokkupaw fil-kumpannija IFGL, il-likwidazzjoni u xoljiment tal-kumpannija IIHL fl-2016 u x-xoljiment taż-żwieġ bejn id-direttur tas-soċjeta' attriċi Dr. Christan Ellul u t-tifla ta' Kocner.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi u stabbilit li l-istqarrijiet impunjati huma dwar materja ta' interess pubbliku, li l-ġudizzju editorjali tal-konvenuta ġie eżerċitat b'mod responsabbli da parti tagħha u mingħajr ebda prova li ma kienetx temmen li effettivament il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kienu dwar materja ta' interess pubbliku. Għalhekk id-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, invokata fir-Risposta tal-konvenuta, hija mistħoqqa u qed tiġi milqugħa b'dan illi l-pubblikazzjoni qiegħda titqies li hija rapportaġġ in buona fede dwar materja ta' interess pubbliku u kwindi mhijiex diffamatorja.

Dan ifisser li m'hemm ħtieġa li jiġi investit is-siwi tal-eċċezzjoni sollevata fir-raba' paragrafu tal-konvenuta fir-Risposta tagħha, fejn ġie eċċepit li l-pubblikazzjoni tikkostitwixxi *fair comment* dwar ġrajja ta' interess pubbliku li huwa raġjonevoli f'soċjeta' demokratika.

**Għal dawn il-motivi qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lil The Shift mill-osservanza tal-ġudizzju u filwaqt li tilqa' wkoll it-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta, qiegħda tiċħad it-talba ta' E&S Consultancy Limited, bl-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-istess soċjeta' attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**